# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Marzu, 2001**

**Numru 23**

**Cit. Nru. 176/01 GCD**

**Crown Advertising Ltd.**

**Vs**

**Busietta Gardens Madliena Ltd.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih ippremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hamest elef, seba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm5,783.66) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' agenzija ta' pubblicita` konsistenti fi produzzjoni ta' materjal u servizz ta' pubblicita` forniti mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fuq ordni ta' l-istess socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, inkluza ittra bonarja tal-11 ta' Jannar, 2001, xorta wahda baqghet ma hallsitx l-ammont dovut;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha; u

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici u tar-rapprezentant taghha, is-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

U talbet illi dina l-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-11 ta' Jannar, 2001 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 255/01, u bl-interessi legali b'effett mill-provvista ta' servizzi u cioe` mit-28 ta' Frar, 2000 fuq is-somma ta' Lm1,809.83, mit-28 ta' Frar, 2000 fuq is-somma ta' Lm441.60, mill-31 ta' Marzu, 2000 fuq is-somma ta' Lm540.50, mit-30 ta' April, 2000 fuq is-somma ta' Lm568.10, mill-31 ta' Mejju, 2000 fuq is-somma ta' Lm540.50, mit-30 ta' Gunju, 2000 fuq is-somma ta' Lm540.50, mill-31 ta' Lulju, 2000 fuq is-somma

ta' Lm540.50, mill-31 ta' Awissu 2000 fuq is-somma ta' Lm540.50, mill-31 ta' Ottubru, 2000 fuq is-somma ta' Lm215.63.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm